**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Tnejn u Erbgħin (42)**

**Tlieta, 8 ta' Frar, 2022**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' Online fis-2:45pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATA:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

42.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Kienet skuzata Megan Portelli fuq raġunijiet personnali. Kien hemm qbil li meta tiġi lura tingħata bukkett ward il-Ħamis fil-5pm bhal merħba lura.

42.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tad-disa' u tletin (39) laqgħa tas-7 ta' Jannar 2022, Minuti tal-laqgħa b'urgenza Erbgħin (40) fil-21 ta' Jannar 2022 u Minuti tal-laqgħa b'urgenza wieħed u erbgħin (41) ta' l-1 ta' Frar 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 39 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent Jean Paul Portelli u Sekondant Joseph Vella.

42.3. Update dwar Fondazzjoni Karnival;

Is-Sindku innota li dan il-punt ser jiġi diskuss aktar tard malli jidħol Daniel Meilak online.

42.4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank. Huwa spjega wkoll li daħħlu fil-bank €4,883 Skema restawr monument, €922 skema gym equipment Duru Belvedere li fuq dawn iż-żewġ skemi ħadna 85% u l-vat jitħallas minn naħa tal-Kunsill. Fadal jidħlu LA tal-Pjazza €4.5K, il-parti l-oħra fuq skema DLG tal-Milied 25%, 3,000 euro tal-Halloween MGOZ u 5,000 euro Milied tal-MGOZ.

Is-Sindku għamel remarka li l-Quarterly reports ta' Oct-Dec 2021 ser jiġu diskussi fil-laqgħa li ser isir apposta għal l-unudited Financial Statements 2021.

Is-Segretarja innotat li hemm xi overtime tal-ħaddiema tal-CWS biex jitħallas. Kien hemm qbil li dawn jitħallsu u ma hemmx bzonn jiġu diskussi aktar fil-laqgħa.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

Is-Segretarja infurmat li hemm il-membership tal-GAGF 500euro. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

42.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

*42.5.1. Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:*

- Ħitan tas-sejjieħ – Dawn qed jinbnew ftit ftit.
- Talba biex jinbena ħajt fi Triq it-Tigrija- dan il-ħajt għadu mhux lest.
- Tranġat l-area ta' fejn kien hemm il-bus shelter ta' Triq Bingemma. Din lesta.
- Talba biex tinbidel tappiera fi Triq ta' Said fi Triq. Din lesta.
- Gandott biex jingħalaq fi Triq San Blas li ta' periklu. Din lesta.
- Tabella tal-klieb fil-playing field San Blas. Din lesta.
- Rigward il-Wied ta' Xhajma qed naraw ma' MGOZ.
- Bankini miksura DC Cocco Palmeri u Triq il-Madonna ta' Lourdes. Dawn Lesti.
- Talba għal sement quddiem dar fi Triq Xandriku. Din lesta.
- Talba biex titwessa passaġġ għal għelieqi fi Triq ir-Rabat. Dan għadu ma sarx.
- Talba biex jinbena ħajt fi Triq il-Buskett. Dan lest.
- Talba biex tinbiddel mera fi Triq il-Qala. Din lesta.
- Talba biex jitneħħa ħaxix ħazin. Il-Kunsill lesta toroq u issa bdew fuq Triq ta' Xurdin, il-Widien u ġonna.

*42.5.2. Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri*:

- Sistema tal-Pannelli fi Triq l-Inżul Franċizi – Il-kunsill qed jaħdem fuqha mal-Ing.
- Titneħħa rampa fi Triq il-Knisja – Din lesta.
- Mera fi Triq Franġisk Attard- Din lesta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Talba biex meta jinżabar il-palm ta’ Triq Duru. Dan għadu ma sarx.
- Disabled parking ħdejn ċimiterju il-qadim- Il-Kunsill applika ma TM.
- Talba għall-bozza ġdida fi Triq ir-Ramla c/w Triq Caraffa. Il-Kunsill applika għaliha.
- Talba għal yellow line 1,5m fi Triq DC Cocco Palmeri. Din lesta.
- Talba għal sement patching fid-daħla tal-Pjazzetta. Dan lest.
- Patching fi Triq l-Irdum ta’ Vnuta. Dan lest.
- Pending: Patch fi Triq il-Knisja- Din ser issir aktar il-quddiem.

*42.5.3.Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:*

- Passaġġ tat-torba tax-Xini – dan għadu ma sarx.
- Ħitan ta’ Xħajma – Għadu ma sar xejn fuq dawn.
- Sinjali tat-toroq fi Triq Għajn Qasab – Din lesta.
- Sement fi Triq Xandriku. Din lesta.
- Talba għal ħajt fi Triq Grunju. Dan għadu ma sarx.

*42.5.4. Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:

- Talba biex jitranġa globu ħdejn iċ-Ċentru. Dan għadu ma sarx.
- Talba għal bullard fi Triq ta’ Majza. Din lesta.

*42.5.5. Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:

- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – Dawn ser jitranġaw.
- Ċaċċis mat-torri ta’ Sopu – Dan għadu ma sarx.
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

# KUNSILL LOKALI NADUR

42.6. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 6394 | Kopja ta' Ittra mibghuta lil Prim Ministru mingħand residenti ta' Triq San Blas dwar problema tad-dawl |
| 6395 | Cirk AKL 2022/011-Regional waste management consultation |
| 6396 | Cirk 02/22-gheluq sena finanzjara 2021 |
| 6397 | Case 23/2022-Talba għal fondi ta' Aġġustiment għas-sena 2022 |
| 6398 | Lands Authority- Grant consent - Public convenience San Blas |
| 6399 | Laqgha Plenarja Akl 2022/019 |
| 6400 | Cir. 51/2021- Installation of outdoor ground fixed percussion exhibtis |
| 6401 | SPI.SCI.1.2022-Finanzjament għal zvillup u titjib fil-kunsizzjonijiet tal-playing fields |
| 6402 | Cirk Akl 2022/014-fire warden training |
| 6403 | Hatra ta' Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv-Nadur- innominat |
| 6404 | Approvazzjoni Performance bonus u appraisal repport -Segretarju Ezekuttiv |
| 6405 | Cirk, AKL 2022/0012-Leading Change session |
| 6406 | AKL 2022/015-Partecipazzjoni tal-Kunsilli Lokali Earth hour 2022 |
| 6407 | Ittra mingħand NTYC |
| 6408 | Cirk 1/2022- Allokazzjoni Finanzjarju 2022 |

*Rimarki oħra:-*

- Talba mingħand iċ-Ċentru Parrokjali dwar investiment fuq żewġ bibien ġewwa iċ-Ċentru. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollobora f'dan l-investiment għal-ammont ta' 500 euro.
- Tiġdid tal-mobile tal-Kunsill u sistema ġdida tal-PABX fil-Kunsill mingħand GO plc. Kien hemm qbil.
- Is-Segretarja tat update rigward is-sitwazzjoni tal-monti fi Triq il-Kappillan. Peress li hemm rapport tal-pulizija minn resident ġie maqbul li żewġ stalls jitpoġġew fit-triq Dun Bernard Haber.
- Is-Sindku innota li saret talba għal għajnuna fuq attivita' Karnival tat-tfal lil MGOZ.
- Is-Segretarja tat update rigward meeting mal-KIP li sar fil-Kunsill flimkien mal-avukata tal-Kunsill minħabba is-sitwazzjoni tar-refund tal-wasteserv u l-Kuntrattur KIP. Dan ma kienx qed jidħol fil-gurnata stipulata tal-organic u l-Kunsill mhux ser jieħu refund fuq dawn il-

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

ġranet. Il-Kuntrattur ammetta dan u innota li meta jkun hemm il-ħsara fit-trakkijiet taż-żibel huma jidħlu l-għada. Il-Kunsill ser jara li jsir meeting ma Wasteserv.

*Dan il-ħin daħal Daniel Meilak li qiegħed is-Segretarju tal-Fondazzjoni Karnival u ġie diskuss item no. 42.3. Update dwar Fondazzjoni Karnival;*

Daniel Meilak ta update rigward il-laqgħa li kellhom il-Fondazzjoni ma' Prof. Vicky Ann Cremona. Ġie diskuss li jibnu arkivju ta' kif zviluppa l-Karnival sal-lum peress li n-nies qed jikbru u l-infomazzjoni qed tintelef. Ġie diskuss *Oral interviews* izda hemm ħafna Human Resourses involuti u l-Prof. Vicky Ann Creamona issuggerit li jkun hemm persuna mal-Fondozzjoni biex tagħmel l-interviews peress li l-fondi tal-Kunsill huma limitati. Il-Prof. Għamlet ukoll suggeriment biex isir laqgħa ma' National Archives biex jibgħatu lil xi hadd minn naħa tagħhom mal-fondazzjoni u l-Kunsill jgħatihom aċċess għal l-arkivji jew tinħareġ sejħa ta' espressjoni ta' interess.

It-tieni proposta kienet li fil-Karnival li ġej ta' Frar ngħatu idea ta' x qed jiġri.

It-Tielet proposta kienet imbgħad biex isir sejħa għal ideat għal logo tal-fondazzjoni.

Is-Sindku għamel suggeriment li isir meeting ma' National Archieves, il-Kunsill u l-Fondazzjoni. Hu kompla jgħid li isir tip ta' PR launch fil-Pjazza quddiem il-LED Screen flimkien mal-fondazzjoni u l-Kunsill li tixxandar live. Hu qal ukoll li toħroġ sejħa ta' interess għal logo imma mhux tip ta' kompetizzjoni.

Wara diskussjoni fit-tul mal-Kunsilliera kien hemm qbil fuq il-PR fil-Pjazza u li tinħareġ expression of interest tal-logo, kif ukoll li nitkbu lil National Archives.

42.7. Update dwar Proposta ta' Park f'Ta'Sopu

Kien hemm prezenti Stephan Croche u Daren Saliba li huma reprezanti ta' Din l-Art Ħelwa. Huma ġew quddiem il-Kunsill b'Proposta ta' Sopu *natural area* biex isir l-Ewwel *Nature Park* f'Għawdex. Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq dan is-suġġett u anke intwera power point.Il-Viċi Sindku innota li l-Kunsill m'għandux dawn il-fondi. Is-Sindku innota li l-Kunsill mhux ser ikun qed joħrog fondi għal

dan il-proġett. Il-Kunsillier Jean Paul għamel remarka rigward il-kaċċaturi u nassaba li għandhom l-art tagħhom hemmhekk u waqt zmien il-kaċċa jekk jkun hemm it-turisti tkun problema ta' periklu ukoll. Is-Sindku sahaq li ghandhom jintuzaw biss walking trails apposta min fejn jgħaddu n-nies u t-turisti. Stephan qal li huma mhux ser iwaqqfu xejn li huwa legali minn naha tagħhom. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li l-affarijiet iridu jkunu ċari minn qabel. Is-Sindku qal li iridu ikunu ċari ukoll ma' stakeholders kollha involuti f'dan il-proġett. Is-Sindku qal li dan il-proġett ikun rigal għal familji tagħna u qal li kieku isir ukoll dog park. Il-Kunsillier Joseph Vella qal li sakemm ma jafettwax lil Kaċċaturi u l-anqas nassaba ma jsibx problemi.

Is-Sindku għamel mozzjoni li sakemm issir l-konsultazzjoni meħtieġa mal-stakeholders kollha involuti (entitajiet, utenti u resident) jew konċernati f'din il-proposta u l-Kunsill dejjem jkun inkluż u infurmat f'kull pass li ha jsir, għandna nagħtu sapport lil din l-idea biex tiġi esplorata. Dan sabiex il-konsultazzjoni tgħin lil Kunsill jibni deċizjoni aktar infurmata. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din l-mozzjoni u l-Kunsilliera kollha kienu favur ta' din il-mozzjoni.

42.8. Skemi.

- SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022- Il-Kunsill applika għal Kunċert tal-Milied.
- Skema għall-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy- Kien hemm tlett offerti izda ġie deċiz li terġgħa tinħareġ offerta aktar specifika fuq l-apparat li l-Kunsill jixtieq.
- Skema Reġjonali –Ambjent 2021- Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-offerta tal-latrina.
- Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021- Il-Kunsill għadu mingħajr informazzjoni minn naħa tal-Għaqda Presepji biex napplikaw.

- Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy – Il-Kunsill ser juza dawn il-fondi għal LED screen tal-Pjazza.
- **Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Skema Reġjonali- Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi Ġodda- 2021.** Il-Kunsill applika.
- **Skem LESA-** Il-Kunsill ser japplika meta tinħareġ it-tielet sejħa.
- **Skema Reġjun librerija-** Il-Kunsill xtara projector u sound u qed jinħadmu xkafef.
- **Skema Playing fields 2022-** Il-Kunsill ser japplika fuq playing fields San Blas.

42.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.

42.9.1. Innu tan-Nadur- Ser tisejjaħ laqgħa.

42.9.2. Karnival 2022- Is-Sindku ta update rigward l-attivitajiet tal-Karnival.

42.9.3. Nadur Nadif- Ser jipprovaw li isir clean up f'Marzu.

42.9.4. Paġna tal-FB tal-librerija- Qed isir pagna.

42.9.5. Kotba għat-tfal bil-bzonnijiet speċjali- Kien hemm qbil li jinxtraw kotba għalihom fil-librerija.

42.9.6. Sopu Re-enactment- Kien hemm qbil li isir din attivita' jew f'April jew f'Mejju.

42.10. Charter Meetings 2022

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update. Fit-8 sa 10 ta' April Kick-off meeting fi Vienna li ser jattendi Eucharist Camilleri u ser jikkonferma s-Sindku hux ha jattendi, 14-18 ta' Lulju ġewwa Spanja 4 adulti – Joseph Vella, Jean Paul Portelli, Sue-Ellen Bugeja u Eucharist Camilleri (Presidium

member) ikkonfermati u 4 zgħażagħ- Owen Bugeja, Richard Portelli, Steve Buttigieg u Megan Portelli. F'Awissu żewġ zgħażagħ – Marc Finger u Jason Formosa.

42.11.7. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

42.11.1. Triq ir-Ramla l-Qadima – Ser tissejjaħ laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill u kuntrattur.

42.11.2. Il-Belvedere Ramla l-Qadima- Il-Kunsill kellu korrispondenza ma' L-Awtorita tal-Ippjanar rigward dawl u ERA. Kien hemm qbil li peress li d-dawl mhux ser jiġu imħallsa minn naħa tal-PA jitħallas minn naħa tal-Kunsill.

42.11.3. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area- Qedin nistennew mingħand il-Kuntrattur.

42.11.4. Railings ta' Xhajma- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ.

42.11.5. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti- Dawn għadhom ma sarux.

42.11.6. Dawl Monument tal-Gwerra- Dan ser isir.

42.11.7. Festun tal-Pjazzetta- Dan ser isir.

42.11.8. Belvedere fi Triq tad-Duru- Dan ser jibda fil-ġranet li ġejjin.

42.11.9. Dwal tal-Brazzi tal-Pjazzetta- Il-Kunsill ser jipprova ibiddel l-parti ta' fuq għax qdiemu ħafna.

42.11.10. Funtana fi Triq Xandriku- bhalissa qed isir it-tiswija ta' l-ilma.

42.11.11. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri- din għadha ma saritx.

42.11.12. Maintenance tad-dawl- Ħdejn iċ-Ċentru, DC Cocco Palmeri u shelter.

42.12. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

42.12.1.Rikjesti mis-Sindku:

Talba għal bozza ġdida fi Triq ir-Ramla. Kien hemm qbil.

Talba għal ħajt li se jaqa' fi Triq Wied Bingemma. Kien hemm qbil.

Talba għal yellow lines fil-kantuniera Triq it-Telegrafu ma' Triq it-Targa.

Talba biex jitneħħa disabled parking fi Triq il-Madonna ta' Lourdes. Kien hemm qbil.

Talba għal-tappieri ġodda tal festa fi Triq Diċembru 13th. Kien hemm qbil.

Bdil ta' bins ta' Kenuna u bins għal belvedere tad-Duru. Kien hemm qbil.

Talba għal yellow lines fi Triq ir-Ramla quddiem garage. Kien hemm qbil.

Talba għal mera fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.

Talba għal rampa fi Triq Vjal l-Imnarja. Kien hemm qbil.

Titranga għatba quddiem dar fi triq Dun Guzepp Vella. Kien hemm qbil.

42.12.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

Talba għal patching fi Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.

42.12.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Talba għal għajnuna f'bini ta' ħitan fi Triq ir-Ramla.

42.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-laqgħa spiċċat fit-7:00p.m. Il-Kunsill ser jerġgħa jiddiskuti data u ħin tal-laqgħa li jmiss.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva